MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2013

Numru 556/2013

**ILLUM 10 ta' Gunju 2013**

Il-Pulizija
(Spettur Luke Bonello)
vs
Almiri Samir sive
Al Mir Samir Nouri Massaoud sive
Al Amiri Samir

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' passaport Libjan numru 584329 u detentur ta' Numru tar-Refugjati 14829-13, akkuzat talli:

Nhar id-9 ta' Gunju 2013 ghall-habta ta' 03.50hrs gewwa San Giljan:
1. Ingurja, jew hedded, jew ghamel fofiza fuq il-persuna ta' PS 356 Joseph Vella u PC 509 Jurgen Pace, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan

is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghuhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjon ta' dak is-servizz;

2. U iktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra PS 356 Joseph Vella u PC 509 Jurgen Pace, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjonij tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. U iktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

4. U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra PS 356 Joseph Vella u PC 509 Jurgen Pace, sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;

5. U iktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, kien jinsab f'sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu nnifsu

Rat in-nota tal-Avukat Generai sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza f'liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu hin jirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ssibu hati ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikoli 95, 96, 338 (bb) (ee), 339 (e) u 17 tal-Kap 9, tiddikjarah u ssibu hati. Tikkundannah komplessivament sena prigunerija sospizi ghal erba' snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu li johorgu minn din is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------